MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 531/2005

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645) bhala agenzija tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Antoine Portelli (ID 248066M)**

**Vs**

**Refalo John Anthony u b'digriet tat-Tribunal tat-18 ta' Marzu 2005 zewg (2) kelmiet kancellati u sostwit bil-mark "Mark" (ID 169848M) u b'digriet tat-Tribunal tat-18 ta' Marzu 2005 numru u ittra kancellati u sostitwiti b' 193380M**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm204.97 (mitejn u erbgha Liri Maltin u sebgha u disghin centezmu) u b'digriet tat-18 ta' April 2005 l-ammont ta' Lm 204.97 gie sostitwit bl-ammont ta'

Lm288.95 (mitejn tmienja u tmenin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) dovuti ghal danni ikkagunati f'incident stradali.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

L-ammont mitlob jirraprezenta danni sofferti mis-socjeta\` attrici u l-attur (In kwantu hallas Lm50 excess) wara l-incident stradali fil-post u data indikati meta l-konvenut li kien qed isuq vettura REF 810 habat ma' vettura TTT 100 propjeta\` u misjuqa minn Antoine Portelli, ghal liema incident jahti unikament il-kovenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tad-9 ta' Marzu 2004 (A), l-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2004 (B), u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta (C) u bl-imghax legali dekoribbli mis-17 ta' Mejju 2004 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

L-esponenti jeccepixxi s-segwenti:-

1. Illi huwa mhuwiex il-legittimu kuntradittur inkwantu huwa ma kienx is-sewwieq tal-vettura REF 810 fil-mument li fih sehh l-incident. Fil-fatt il-vettura kienet qed tinsaq minn ibnu Mark Refalo.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, li huwa ma jahtix ghall-incident 'de quo'.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub mill-atturi huwa ezagerat.
4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema\` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-meritu ta' dina l-kawza hija kollizjoni li sehhet fit-triq li taghti ghat-*tunnels* ta' San Giljan. L-assigurat tas-socjeta\`

attrici kien gej minn Regional Road biex jidhol ghal mina fid-direzzjoni ghal San Giljan, filwaqt li l-konvenut gie min taht u cioe` mix-xellug tall-vettura attrici mid-direzzjoni ta' San Gwann u segwa l-istess fil tat-traffiku. Id-daqqa da parti tal-vettura attrici fil-vettura konvenut giet moghtija minn wara. Il-konvenut jallega illi meta gie biex johrog u jisporgi ghat-Triq Regjonali, ra l-vettura li ghada l-boghod u hareg u hekk kif gie fid-dritta ha d-daqqa. Is-sewwieq tal-vettura attrici jaqbel ma` l-istess konvenut fis-sens li kien min-naha ta' San Gwann u minghajr ma waqaf fl-istess bokka, qabad u hareg u tah id-daqqa.
Jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut, illi huwa kien ra lill-vettura attrici, kellhu vizwali tajjeb pero` ikkalkula li jilhaq johrog minghajr ma jinfluwixxi l-*flow of traffic*. Dina l-asserzjoni tirrizulta erronea ghax din fatti l-attur lahqu u tah id-daqqa minn wara. Vera li ma kenitx daqqa kbira izda xorta saret il-kollizjoni. Minfejn kien hiereg l-konvenut hija triq sekondarja ghal Triq Regjonali, b'mod l-aktar lampanti hija triq principali. Il-fatt illi l-vettura li harget mit-triq sekondarja u lahqet bdiet tipprocedi ghat-triq Principali ma joffri l-ebda skuzanti jekk il-manuvra maghmula mill-konvenut tkun xorta wahda ta' ostakolu insuperabbli ghal min kien qed juza t-triq principali ossia l-attur. Ma gie rifless l-ebda nuqqas fl-operat ta' l-attur li bih setgha t-Tribunal jimputa xi responsabbilta u/jew xi kontribuzzjoni ghall-istess incident.

F'dan is-sens it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Ottubru 2004, Avviz Nru 572/03 DM fl-ismijiet "SMS Insurance Agency Ltd noe et vs Helen Cutajar". Din fejn kollizjoni simili giet trattata b'mod l-aktar ampju.

Il-quantum tad-danni ma giex kontestat u allura qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' mitejn u erbgha liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm204.79), bl-ispejjes u nteressi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------